MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

**Seduta tal-15 ta' Marzu, 2016**

Rikors Maħluf Numru: 989/14LM

**Lorenza Vella (ID No. 100170M)**

**vs.**

**Marco sive Mark Vella (ID No. 62773M) u b'digriet tas-26 ta' Frar, 2016 l-atti tal-kawża ġew trasfużi f'isem Antonia Vella minħabba l-mewt ta' Marco sive Mark Vella li miet fil-mori tal-kawża**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mill-attriċi **Lorenza Vella** (minn issa 'l quddiem "l-attriċi") fl-10 ta' Novembru, 2014 ai termini tal-Artikolu 167(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tiegħu talbet il-ħlas lura mingħand il-

konvenut is-somma ta' €35,600, bilanċ minn somma ikbar ta' flus lilu mislufa *brevi manu.*

Rat il-provvediment mogħti fl-udjenza tal-5 ta' Diċembru, 2014 li permezz tiegħu il-konvenut ingħata l-opportunità li jiddefendi ruħu wara li oppona għat-talba biex il-kawża tinstema' bil-proċedura sommarja a tenur tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat ir-Risposta Maħlufa ippreżentata fit-22 ta' Diċembru, 2014 mill-konvenut **Marco sive Mark Vella** (minn issa 'il quddiem "il-konvenut") li permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. ir-rikors promotur huwa monk billi ma fihx dettalji biżżejjed, fosthom meta sar l-allegat self, biex il-konvenut ikun jista' jiddefendi ruħu sew;

2. ir-rikors promotur mhux konformi mal-liġi billi l-oġġett tal-kawża mhux spjegat ċar;

3. ma sar l-ebda self *brevi manu* mill-attriċi lill-konvenut;

4. il-konvenut mhux debitur tal-attriċi;

5. l-attriċi qed tipprova tieħu flus il-konvenut mhux dovuti lilha għaliex huwa ġuvni u qegħda tippretendi li flusu jeħduhomlu hi u ħuthom l-oħra u mhux "il-barranin".

Rat l-affidavit tal-attriċi[1], u semgħet ix-xhieda ta' **Antonia Vella**[2] omm l-attriċi, tal-konvenut, ta' **Rita Depasquale**[3], ta' **Rosette Borg**[4] u ta' **Manuel Vella**[5] li jiġu ħut il-kontendenti, li lkoll ikkonfermaw li sar is-self f'diversi pagamenti mill-attriċi lill-konvenut fl-ammont komplessiv ta' €35,600 u li ma ġiex restitwit lura lill-attriċi.

Rat ukoll l-affidavit tal-**Avukat Michael Grech**[6] u tan-**Nutar Ruben Casingena**[7] li kkorroboraw ix-xhieda l-oħra dwar is-self.

Rat l-kuntratt tat-2 ta' Lulju, 2015 ippubblikat min-Nutar Dottor Jonathan Zammit[8] li permezz tiegħu il-konvenut ikkostitwixxa ruħu ċert u likwidu debitur tal-attriċi fis-somma €35,600 u l-affidavit tal-konvenut tat-28 ta' Lulju, 2015[9] li permezz tiegħu ikkonferma li kien debitur lejn oħtu fis-somma ta' €35,600.

Rat ċ-ċertifikat tal-mewt tal-konvenut li miet fid-9 ta' Settembru, 2015[10] kif ukoll ir-riċerki tat-testmenti tiegħu[11] minn fejn jirriżulta li skont testament sigriet li għamel fit-9 ta' Lulju, 2015[12] huwa nnomina lil ommu Antonia Vella bħala unika werrieta tiegħu.

[1] A fol. 14 tal-proċess.
[2] A fol. 30 sa 34 tal-proċess.
[3] A fol. 35 sa 39 tal-proċess.
[4] A fol. 41 sa 43 tal-proċess.
[5] A fol. 44 sa 46 tal-proċess.
[6] A fol. 50 tal-proċess.
[7] A fol. 53 tal-proċess.
[8] A fol. 59 u 60 tal-proċess.
[9] A fol. 58 tal-proċess.
[10] A fol. 63 tal-proċess.
[11] A fol. 64 sa 66 tal-proċess.
[12] A fol. 67 tal-proċess.

Rat id-digriet tagħha mogħti waqt l-udjenza tas-26 ta' Frar, 2016 li permezz tiegħu saret it-trasfużjoni tal-ġudizzju fil-persuna ta' Antonia Vella minflok il-konvenut defunt Marco sive Mark Vella.

Semgħet ix-xhieda ta' Antonia Vella[13] li fil-persuna tagħha ġie trasfuż il-ġudizzju minflok il-konvenut defunt Marco sive Mark Vella.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża u d-dokumenti li ġew esebiti.

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-attriċi ppruvat sodisfaċentement li hija tabilħaqq kreditriċi tal-eredità tal-konvenut ħuha fis-somma indikata fir-Rikors Ġuramentat, liema flus huwa baqa' ma tahomlhiex lura sakemm miet.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant din il-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Marco sive Mark Vella, tilqa' t-talbiet tal-attriċi u konsegwentement tikkundanna lil**

[13] A fol. 78 tal-proċess.

**Antonia Vella, li fil-persuna tagħha ġie trasfuż il-ġudizzju minflok il-konvenut defunt Marco sive Mark Vella, biex tħallas lill-attriċi s-somma ta' €35,600 li kienet ġiet mislufa *brevi manu* mill-attriċi lill-konvenut Marco sive Mark Vella, bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-Rikors Maħluf sad-data tal-eventwali ħlas effettiv u bl-ispejjeż a kariku ta' Antonia Vella.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------